



IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussell, 30.5.2005
COM (2005) 206 finali

KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL

dwar politika Ewropea dwar iż-żghażaġh
Li tindirizza l-problemi taż-żghażaġh fl-Ewropa - l-implimentazzjoni tal-Patt Ewropew
għaż-Żgħażaġħ u t-tmexxija 'l quddiem ta' ċittadinanza attiva

{SEC(2005) 693}

Komunikazzjoni mis-Sur Figel' flimkien mas-Sur Špidla

1. DAĦLA

Id-destin ta' l-Ewropa kull ma jmur jiddependi fuq l-abilità tagħha li trawwem soċjetajiet li huma aktar favur it-tfal u ż-żgħażaġh. L-adozzjoni tal-Patt Ewropew għaż-Żgħażaġħ sal-Kunsill Ewropew tar-Rebbiegħa 2005¹, bħala parti mill-Istrateġija riveduta ta' Liżbona li tiffoka fuq it-tkabbir u l-impjiegi, hija rikonoxximent li l-integrazzjoni taż-żgħażaġh fis-soċjetà u fil-ħajja tax-xogħol u l-użu aħjar tal-potenzjal tagħhom, huma essenzjali biex l-Ewropa tmur lura lejn tkabbir sostenut u sostenibbli.

Din l-inizjattiva tagħti importanza liż-żgħażaġh f'żoni tal-qalba tas-sħubija ta' Liżbona għat-tkabbir u l-impjiegi permezz ta' l-Istrateġija Ewropej ta' l-impjeg u l-Inklużjoni Soċjali kif ukoll il-Programm ta' Ħidma ta' l-Edukazzjoni u t-Taħriġ 2010, u t-talbiet għal konsistenza matul l-inizjattivi li hemm fihom.

L-adozzjoni tal-Patt taħbat mat-tmiem ta' l-ewwel ċiklu ta' implimentazzjoni tal-*White Paper* fuq l-impetus il-ġdid għaż-żgħażaġh Ewropej² tal-2001, li tressqet 'il quddiem mir-Reżoluzzjoni tal-Kunsill ta' Ġunju 2002³. Dan jistabbilixxi qafas ta' kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażaġh għat-titjib taċ-ċittadinanza attiva taż-żgħażaġh, permezz ta' metodu miftuħ ta' koordinazzjoni (OMC), u jinkludi dimensjoni żaġhżuġha f'oqsma politiċi oħrajn.

Aktar minn qatt qabel, l-Ewropa għandha bżonn l-impenn kontinwu taż-żgħażaġh li jgħin fil-bini ta' Ewropa inklussiva. Bl-istess mod, is-suċċess ta' din l-inizjattiva jiddependi mill-involviment tal-partijiet kollha kkonċernati, u l-ewwel u l-aktar importanti, l-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh kif ukoll awtoritajiet reġjunali u lokali u l-imsieħba soċjali.

Il-Komunikazzjoni:

- tistipula kif il-Patt jista' jibda jopera
- tiddefinixxi l-prijoritajiet ta' l-OMC taż-Żgħażaġħ,
- tindirizza d-dimensjoni żaġhżuġha f'oqsma politiċi oħrajn,
- telenka programmi rilevanti Ewropej u
- teżamina kif tista' tinvolvi aktar liż-żgħażaġh fil-proċess politiku.

2. ŻGHAŻAĠH FIS-SĦUBIJA TA' LIŻBONA GĦAT-TKABBIR U L-IMPJIEGI

2.1. Il-kuntest:

Bil-proposta ta' Patt Ewropew għaż-żgħażaġh, il-Kapijiet ta' l-Istat u l-Gvern ta' Franza, tal-Ġermanja, ta' Spanja u ta' l-Iżvezja identifikaw erba' kwistjonijiet prinċipali:

- il-vulnerabilità taż-żgħażaġh

¹ Anness 1 tal-Konklużjonijiet tal-Presidenza tal-Kunsill Ewropew, Brussell, tat-22-23.3.2005 (7619/05).

² COM(2001) 681.

³ ĠU C168, tat-13.7.2002

- il-bżonn li tiġi żviluppata solidarjeta fil-ġenerazzjonijiet kollha, f'soċjeta li dejjem qiegħda tikber
- il-bżonn li tarma liż-żgħażaġħ permezz ta' l-edukazzjoni u t-taħriġ tagħhom
- il-bżonn ta' koerenza aħjar fl-oqsma tal-politka kollha li jikkonċernaw liż-żgħażaġħ.

Din l-analiżi taħbat ma' l-analiżi li saret fil-*White Paper*. Taħt pressjoni mill-fatturi ekonomiċi u soċjo-kulturali, in-natura żaġħżuġha qiegħda tinbidel. Iż-żgħażaġħ qeġħdin jaslu fi stadji differenti tal-ħajja aktar tard mill-ġenerazzjonijiet ta' qabel, u qeġħdin jimxu f'trejqat anqas linejari minn qabel.

Il-Kunsill Ewropew, meta beda jipprepara għall-analiżi ta' nofs it-terminu ta' l-Istrateġija ta' Liżbona, ħa nota ta' l-importanza tal-fatturi demografiċi li qeġħdin jiffurmaw il-futur ta' l-Ewropa.

Kif stipulat fil-*Green Paper* tal-Kummissjoni dwar kif se tiġi kkonfrontata l-bidla demografika⁴, rati ta' twelid li dejjem neżlin u n-nies dejjem qeġħdin jgħixu aktar fit-tul, wasslu għal bidliet drammatiċi fl-istruttura tad-daqs u l-età tal-popolazzjoni Ewropea. In-numru ta' żgħażaġħ ta' età minn 15 sa 24 sena mistenni jonqos bi kwart, minn 12.6 għal 9.7%, bejn 2005 u 2050, filwaqt li l-grupp ta' 65+ ser jikber minn 16.4 għal 29.9%⁵. Il-*Green paper* tiġbed l-attenzjoni lejn l-implikazzjonijiet ta' dawn il-bidliet għal Ewropa, b'enfasi partikolari fuq iż-żgħażaġħ. L-Aġenda Soċjali l-ġdida 2002-2010⁶ ukoll tqis l-importanza ta' l-istrateġija interġenerazzjonali.

It-tranżizzjoni fis-suq tax-xoġħol għaż-żgħażaġħ hija diffiċli, bil-qgħad fost iż-żgħażaġħ b'aktar mid-doppju tar-rata totali fi ħdan l-Ewropa (17.9% taħt il-25, imqabbla ma' 7.7% minn 25 'il fuq)⁷. Iż-żgħażaġħ huma partikolarment f' riskju ta' faqar (19% ta' 16-24, meta mqabbla ma' 12% ta' dawk li għandhom minn 25-64 sena).⁸

Iż-żgħażaġħ għandhom kontribut sinjifikanti x'jaġħmlu lil għanijiet ta' Liżbona biex itejbu l-qagħda tax-xoġħlijiet u l-iżvilupp sostenibbli, peress li huma l-ħaddiema tal-ġejjieni, u huma s-sors fil-futur ta' kapaċitajiet bżonnjużi immens ta' riċerka, innovazzjoni u intrapriża. Dawn l-għanijiet jistgħu jintlaħqu biss jekk iż-żgħażaġħ huma mgħammra b'mod xieraq bit-tagħrif, ħiliet u kompetenza permezz ta' edukazzjoni u taħriġ rilevanti, ta' kwalità għolja. Dan ma jistax jiġi żgurat qabel ma jitneħħew barrieri bħalma huma trobbija fil-faqar u esklużjoni soċjali. Nuqqas ta' ugwaljanza bejn is-sessi wkoll trid tiġi indirizzata, minħabba li żgħażaġħ nisa għandhom iktar riskju ta' qgħad u faqar milli żgħażaġħ irġiel, filwaqt li aktar żgħażaġħ irġiel jitolqu mill-iskola kmieni.

2.2. Il-Patt Ewropew għaż-Żgħażaġħ

F'dan l-isfond u f'konformità ma' l-Għanijiet Strateġiċi tal-Kummissjoni għal-2005-2009⁹, il-Kunsill Ewropew ikkonkluda li iż-żgħażaġħ għandhom jibbenefikaw minn politika u miżuri li

⁴ COM (2005) 94.

⁵ tbassir tal-popolazzjoni bbażata fuq l-2004 mill-Eurostat, b'varjant ta' linja bażi

⁶ COM (2005) 33.

⁷ COM (2005) 94.

⁸ do.

⁹ COM(2005)12

huma integrati kompletament fl-Istrateġija riveduta ta' Liżbona, u adotta Patt li fih tliet linji ta' strateġija (ara l-Anness 1):

- impjieg, integrazzjoni u avvanz soċjali
- edukazzjoni, taħriġ u mobilità
- rikonċiljazzjoni tal-ħajja tal-familja u l-ħajja tax-xogħol.

L-azzjonijiet rilevanti f'dawn l-oqsma se jitfasslu b'mod partikolari fl-Istrateġija Ewropea ta' Impjieg, l-Istrateġija ta' l-Inklużjoni Soċjali kif ukoll il-Programm ta' Ħidma 2010 ta' l-Edukazzjoni u t-Tagħmir. L-inklużjoni ta' żgħażaġh fis-sħubija ta' Liżbona għat-tkabbir u l-impjieg mhux se jirrikjedi strutturi ġodda. Ir-rrinfurzar tal-miżuri għaż-żgħażaġh, se jgħin biex l-impatt ta' l-Istrateġija ta' Liżbona jkun sfruttat kemm jista' jkun.

L-Istati Membri se jirreferu għal “Linji ta' Gwida għat-Tkabbir u l-Impjieg” (jgħaqqdu l-linji ta' gwida ekonomiċi u ta' impjieg) li l-Kummissjoni pproponiet f'April 2005¹⁰ meta ppreżentaw il-programmi nazzjonali ta' riforma ta' Liżbona fil-ħarifa ta' l-2005 (l-Anness 2).

L-immonitorjar ta' l-implimentazzjoni tal-Patt se jkun integrat fil-mekkaniżmi rrappurtati ta' l-Istrateġija ta' Liżbona. Ir-Rapport Annwali tal-Kummissjoni dwar il-Progress ta' Liżbona se jirreferi għal rapporti mill-Istati Membri kull ħarifa dwar il-progress li sar fil-programmi nazzjonali ta' riforma ta' Liżbona. Dan ir-rapport se jkun eżaminat fil-formazzjonijiet rilevanti tal-Kunsill u diskuss fil-Kunsill Ewropew tar-Rebbiegħa.

Fuq livell Komunitarju, il-Kummissjoni ħabbret Programm Komunitarju ta' Liżbona bil-għanijiet ta' prijoritajiet ta' l-analiżi f'nofs it-terminu ta' Liżbona approvat mill-Kunsill tar-Rebbiegħa ta' l-2005.

Dawn taqsimiet li ġejjin jenfasizzaw l-aspetti tal-linji ta' gwida integrati u l-Programm Komunitarju ta' Liżbona li ġej, li huwa rilevanti għal Patt.

2.2.1. Miżuri għall-impjieg, l-integrazzjoni u l-avvanz soċjali taż-żgħażaġh

Il-Linji ta' Gwida ta' l-Impjieg proposti għal 2005-2008, issa parti mill-Linji ta' Gwida Integrati, jinsabu fil-qalba ta' l-Istrateġija Ewropea ta' l-Impjieg, u jagħmlu parti mir-rwol ċentrali ta' koordinazzjoni għal politika ta' impjieg ta' l-Istati Membri. Il-miżuri jikkonċentraw fuq il-kontribut ta' politika ta' impjieg sabiex joħlqu aktar xogħlijiet u ta' kwalità aħjar, jidentifikaw dawn it-tliet prijoritajiet prinċipali:

- jiġbdu u jżommu aktar nies fl-impjieg u jimmodernizzaw is-sistemi tal-ħarsien soċjali
- itejbu l-adattabilità tal-ħaddiema u l-intrapriżi u l-flessibilità tas-swieq tax-xogħol
- iżidu l-investment fil-kapital uman permezz ta' edukazzjoni u ħiliet aħjar.

Dawn il-Linji ta' Gwida li ġejjin b'mod partikolari huma rilevanti għaż-żgħażaġh:

¹⁰ COM(2005)141

- tmexxija ‘ l quddiem ta’ strateġija ta' xogħol li tqis iċ-ċiklu kollu tal-ħajja (li tinkludi inter alia, attentat mill-ġdid biex jinbnew toroq ta’ impjieg għaż-żgħażaġh u jitnaqqas l-qagħd taż-żgħażaġh, kif ukoll azzjoni rizzoluta biex jiġi elemintat il-vojt fl-impjieg, il-qgħad u l-ħlas)
- jiġu żgurati swieq ta’ xogħol inklużiv għal min qiegħed ifittex xogħol u għan nies żvantaġġati
- titjib tal-bżonnijiet tas-swieq tax-xogħol
- Espansjoni u titjib ta' l-investment tal-kapital uman
- adozzjoni ta’ sistemi ta’ l-edukazzjoni u ta’ taħriġ biex ilaħħqu ma’ talbiet ta’ kompetenzi ġodda.

L-Istati Membri li jirċievu appoġġ finanzjarju għal implimentazzjoni tal-miżuri relevanti permezz tal-Fondi Ewropej Strutturali, b’mod partikolari tal-Fond Ewropew Soċjali. L-Istati Membri huma wkoll mħeġġa jagħmlu użu mill-faċilitijiet ipprovduti mill-Bank Ewropew ta' l-Investment.

Il-programm ta’ tagħlim reċiproku dwar l-impjieg li jippromwovi skambju ta’ prattika tajba fost l-Istati Membri jinkludi enfażi fuq l-impjieg taż-żgħażaġh fl-2005. Il-Kummissjoni se tkompli wkoll l-isforzi tagħha biex tiżgura transpożizzjoni u implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-KE li tipprojbixxi diskriminazzjoni fl-impjieg fuq bażi ta’ età¹¹.

L-Istrateġija ta’ l-Inklużjoni Soċjali tinkorpora dimensjoni żaġħżuġha, kif imħabbra fil-Komunikazzjoni fl-Aġenda Soċjali¹² u ser tieħu f’kunsiderazzjoni r-Resoluzzjoni tal-Kunsill dwar l-integrazzjoni soċjali taż-żgħażaġh¹³. X’aktarx li ser tingħata prijorità għolja biex tittejjeb is-sitwazzjoni ta' bosta miż-żgħażaġh l-aktar vulnerabbli, biex jiġi eradikat il-faqar tat-tfal, u tingħata wkoll prijorità lil inizjattivi li jimpedixxu falliment fl-edukazzjoni. Studju fuq l-integrazzjoni soċjali ta’ żgħażaġh li huma żvantaġġati sew se jiffukaw fuq l-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol, awtonomija u parteċipazzjoni attiva fis-soċjetà.

Il-Kummissjoni tilqa’ u tħeġġeġ l-impenn tas-sieħba soċjali biex jikkontribwixxu għal din l-inizjattiva permezz ta’ azzjonijiet konġunti fi ħdan id-djalogu soċjali¹⁴.

¹¹ Direttiva 2000/78/KE tas-27.11.2004, ĠU L303, tat-2.12.2000.

¹² COM(2005) 33.

¹³ Reżoluzzjoni tal-Kunsill 9601/04 tat-28.5.2004.

¹⁴ Kontribuzzjoni mill-ETUC, CEEP, UNICE/UEAPME tat-22.3.2005.

Azzjonijiet fl-impjieg u inklużjoni soċjali

- Stati Membri jieħdu azzjoni biex jippromwovu l-impjieg taż-żgħażaġħ pereżempju sabiex:
 - Jitnaqqas il-qgħad taż-żgħażaġħ
 - jinbnew trejquiet ta' impjieg
 - jigū żviluppati pjanijiet ta' azzjoni personalizzati, b'għajjnuna fit-tfttxija għax-xogħol, gwida u taħriġ
- Il-Kummissjoni u l-Istati Membri jagħmlu ż-żgħażaġħ prijorità fil-programm ta' taġġim reċiproku dwar l-impjieg fl-2005
- Bl-użu ta' l-Istrateġija ta' l-Inklużjoni Soċjali, il-Kummissjoni u l-Istati Membri se jtejbju s-sitwazzjoni ta' l-aktar żgħażaġħ vulnerabbli
- Il-Kummissjoni se tnedi studju dwar l-integrazzjoni soċjali ta' żgħażaġħ li huma żvantaġġati sew fl-2005

2.2.2. Miżuri għall-edukazzjoni, taħriġ u mobilità

Il-Linji ta' Gwida Integrati proposti jisħqu fuq il-bżonn ta' l-Ewropa li tespandi u ttejjeb l-investment fil-kapital uman, u tadatta l-edukazzjoni u s-sistemi ta' taħriġ għal ħtiġijiet ta' kompetenzi ġodda. Prijorità hija mogħtija inter alia, biex jintaqqas in-numru ta' żgħażaġħ li jħallu l-iskola kmieni; jitwassa' l-aċċess għal edukazzjoni vokazzjonali, sekondarja u dik għolja, inklużi l-apprentistati u t-taħriġ fl-intrapriża; u ħidma lejn qafas komuni li se jagħmel is-sistemi ta' kwalifiki aktar trasparenti u jagħmel it-tagħlim mhux formali u informali aktar validu.

Dawn huma kollha prijoritajiet tal-Programm ta' Edukazzjoni u Taħriġ 2010 li jikkontribwixxi għal implimentazzjoni ta' l-edukazzjoni u l-aspetti ta' taħriġ tas-sħubija ta' Liżbona għat-tkabbir u xogħlijiet u li se jidħlu fiċ-ċiklu l-ġdid ta' tmexxija ta' Lisobna. Il-Linji ta' Gwida jenfasizzaw l-importanza ta' l-użu ta' l-istrumenti Ewropej miftiehma u r-referenzi biex jappoġġaw riformi ta' sistemi ta' edukazzjoni nazzjonali u taħriġ.

Bħala parti mill-programm ta' xogħol 2010, attivitajiet ta' taġġim minn dawk ta' mpar xulxin fl-2005 jinkludu oqsma rilevanti għaż-żgħażaġħ:

- jintlaħqu l-punti ta' riferiment dwar żgħażaġħ li jitliqu mill-iskola kmieni, rati ta' tmiem u illitteriżmu;
- jiġi implimentat il-qafas ta' kompetenza prinċipali fuq livell nazzjonali;
- jintlaħaq il-punt ta' riferiment fuq in-numru dejjem jiżdid ta' gradwati f' matematika, xjenza u teknoġija, b' mod partikolari jitnaqqas l-iżbilanċ ta' bejn is-sessi, tittieħed f'kunsiderazzjoni r-rabta ma' l-edukazzjoni ta' livell primarju u dak sekondarju.

Proposta tal-Kummissjoni fl-2005 għal Rakomandazzjoni tal-Kunsill u tal-Parlament Ewropew dwar kompetenzi prinċipali se jenfassizaw l-importanza taż-żgħażaġh b'anqas opportunitajiet.

Il-Kummissjoni se tipproponi skema ġenerali għal Qafas Ewropew ta' Kwalifiki fl-2006 bil-għan li jkun hemm referenza komuni għas-sistemi ta' kwalifiki fl-Ewropa. Se tkun marbuta ma' u appoġġjata bi trasferiment ta' kreditu u ftehim ta' kwalita ta' assigurazzjoni, lill-prinċipji komuni Ewropej għal identifikazzjoni u validazzjoni ta' taġħlim mhux formali u dak informali u għal Europass (il-qafas Ewropew waħdieni għat-trasparenza tad-diplomi, ċertifikati u kompetenzi).

Se tiġi żviluppata għodda speċifika għar-rikonoxximent tax-xogħol taż-żgħażaġh bil-ħsieb li jiġi inkluż 'Youthpass' fl-Europass. Il-fasi ta' l-ittestjar għandha tibda fl-2006.

Element prinċipali ieħor tal-programm huwa li tittejjeb il-kompetenza ta' lingwa barranija, li hija kemm essenzjali kif ukoll riżultat ta' aktar żgħażaġh Ewropej jieħdu sehem fis-soċjeta' ta' għarfien u f' mobilità Ewropea u globali.

Peress li l-attività ekonomika kull ma tmur qiegħda tiġbed lejn proċess li għandu livelli għolja ta' xjenza u teknoloġija minsuġin fih, aċċess għax-xjenza u edukazzjoni ta' l-ICT huma speċjalment rilevanti għaż-żgħażaġh.

Il-Kummissjoni se tadotta Komunikazzjoni dwar l-edukazzjoni u t-taġħlim ta' l-intrapriża fl-2005, li tisħaq fuq ir-rabta bejn il-ħila ta' l-intrapriża u ħilet tal-ħajja baiċi għaż-żgħażaġh. Il-Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Intrapriża jipromwovi "Tkattir ta' mħuħ impreditorjali" fost iż-żgħażaġh.

Azzjonijiet fl-edukazzjoni u taħriġ

- L-iStati Membru jieħdu azzjoni għaż-żgħażaġh, pereżempju jnaqqsu n-numru ta' żgħażaġh li jħallu l-iskola kmieni jitwassa' l-aċċess għal edukazzjoni vokazzjonali, sekondarja u dik għolja, inkluż it-taħriġ ta' l-apprentistati fl-intrapriża;
- jiżviluppaw oqsfa li jappoġġjaw it-trasparenza u l-għarfien ta' kwalifiki u kompetenzi, u biex jivvalidaw it-taġħlim mhux formali u informali
- L-iStati Membri biex jimplementaw id-deċiżjoni ta' l-Europass
- Il-Kummissjoni se tadotta Komunikazzjoni dwar l-edukazzjoni ta' l-intrapriża fl-2005.
- Il-Kummissjoni se tipproponi Qafas Ewropew ta' Kwalifiki fl-2006
- Il-Kummissjoni se tadotta Rakkomonadazzjoni dwar kompetenzi prinċipali fl-2006.
- Il-Kummissjoni u l-Istati Membri se jiżviluppaw 'Youthpass' mill-2006

Il-Linji ta' Gwida Integrati jistiednu lill-Istati Membri biex jipprovdu aktar trasparenza u informazzjoni dwar opportunitajiet ta' impjieg u taħriġ, sabiex jagħmlu l-mobilità aktar faċli, bħala parti mill-immodernizzazzjoni tas-servizzi ta' impjieg. Is-Sena Ewropea tal-Mobilità tal-Ħaddiem fl-2006 se tinkludi inizjattivi speċjali għaż-żgħażaġh li se jidħlu fis-suq tax-xogħol. Mill-2007 dak li se jiġi wara l-Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni u l-Istati Membri dwar il-ħiliet u l-mobilità 2002-2005 se jiffoka aktar fuq it-titjib tal-possibilitajiet taż-żgħażaġh fuq is-suq tax-xogħol permezz ta' żieda fil-mobilità. L-Istati Membri fejn meħtieġ għandhom jinfurzw l-istrateġiji tagħhom biex ineħħu ostakli għal mobilità, kif innutat mir-Rapport tal-Kummissjoni¹⁵ dwar il-*follow-up* tar-Rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar il-mobilità fi ħdan il-Komunità ta' studenti, persuni li għaddejin bit-taħriġ, voluntieri u għalliema u edukaturi¹⁶.

Biex aktar titħeġġeġ il-mobilità taż-żgħażaġh fi ħdan l-Ewropa, il-Kummissjoni pproponiet programmi ta' rinforzar li jolqtu liż-żgħażaġh, studenti u voluntiera, bil-forom ġodda ta' attivitajiet voluntarji, biex iwessgħu u jiffaċilitaw aċċess għas-Servizz Ewropew Voluntarju (EVS). Il-portals ta' informazzjoni EURES (Il-portal Ewropew tal-mobilità tax-xogħol), u PLOTEUS (il-portal għal opportunitajiet ta' tagħlim fl-Ewropa), se jieħdu f'kunsiderazzjoni l-bżonnijiet taż-żgħażaġh, u studju tal-Kommissjoni se jipproduċi rakkomandazzjonijiet biex tiġi estiża l-karta tal-mobilità għaż-żgħażaġh fl-Ewropa. Il-Kummissjoni se tippromwovi l-iskambju ta' prattika tajba fil-mobilità, pereżempju, l-inizjattiva Franċiża 'Xogħlijiet tas-sajf'), li tista' tkun estiża matul l-Ewropa kollha wara evalwazzjoni tar-riżultati tal-bidu.

Azzjonijiet li jippromwovu l-mobilità

- L-Istati Membri huma mistiedna biex jipprovdu aktar trasparenza u informazzjoni biex jagħmluha aktar faċli li taħdem u tistudja barra
- Is-Sena Ewropea tal-Mobilità tal-Ħaddiem 2006 se tinkludi azzjoni speċjali għaż-żgħażaġh.
- Il-Kummissjoni se tiżviluppa għodda bħal EURES u PLOTEUS biex itejbu l-possibilitajiet għaż-żgħażaġh biex jaħdmu u jistudjaw barra.
- Il-Kummissjoni se tipproduċi fl-2005 rakkomandazzjonijiet dwar il-karta tal-mobilità għaż-żgħażaġh fl-Ewropa.
- Fl-2006, il-Kummissjoni se tistudja estensjoni ta' l-inizjattiva 'Xogħlijiet għas-sajf'
- Fl-2007, il-Kummissjoni u l-Istati Membri se jimplementaw forom ġodda ta' EVS
- Mill-2007, l-azzjonijiet biex itejbu l-mobilità ġeografika u ta' ħidma tal-mobilità taż-żgħażaġh fis-segwitu tal-Pjan ta' Azzjoni għall-ħiliet u l-mobilità

¹⁵ COM(2004) 21.

¹⁶ ĠU L 215, tad-9.8.2001.

2.2.3. Miżuri ta' rikonċiljazzjoni tal-ħajja tal-familja u l-ħajja tax-xogħol.

Il-Liji ta' Gwida Integrati jistiednu lill-Istati Membri biex jieħdu azzjoni biex tintlaħaq rikonċiljazzjoni aħjar tal-familja u l-ħajja tax-xogħol. Bilanċ aħjar ta' familja u xogħol jista' wkoll jgħin biex jissolvu problemi assoċjati mal-bidiet demografiċi fejn tidħol età, u b'mod partikolari l-isfida ta' rata ta' twelid baxxa. Dan jinkludi d-dispożizzjoni ta' faċilitajiet ta' *childcare*, kif ukoll attenzjoni għal dipendenti oħra. Attenzjoni partikolari se tingħata biex jiġu żviluppati innovazzjonijiet, forom favur il-familji ta' ftehim ta' xogħol. Rikonċiljazzjoni ta' xogħol u ħajja privata hija prinċipali fil-promozzjoni ta' ugwaljanza ta' sessi għal nisa u rġiel żgħażaġh.

Wara l-Green Paper dwar il-bdil fid-demografija ta' l-Ewropa, il-Kummissjoni nidiet konsultazzjoni bil-għan li tiġi identifikata politika li trid issir jew tiġi rinfurzata, fuq livell nazzjonali jew Ewropew.

Azzjonijiet għar-rikonċiljazzjoni tal-ħajja tal-familja u l-ħajja tax-xogħol.

- L-Istati Membri jipprovdu aktar faċilitajiet ta' kwalità, aċċessibbli u għall-but ta' kulħadd u attenzjoni għal dipendenti oħra.
- L-Istati Membri, se jkunu appoġati mill-Kummissjoni, biex jiżviluppaw forom ġodda ta' organizzazzjoni ta' xogħol, pereżempju ħin flessibbli, tele-xogħol, maternità, *leave* tal-ġenituri eċċ.
- Il-konsultazzjoni tal-Kummissjoni fl-2005 dwar l-impatt tal-bidiet demografiċi u tweġibiet possibbli tal-politika.

3. IĊ-ĊITTADINANZA ATTIVA TAŻ-ŻGĦAŻAĠH

Il-metodu miftuħ ta' koordinazzjoni (OMC) jiffoka fuq iċ-ċittadinanza attiva taż-żgħażaġh. Il-White Paper fuq iż-żgħażaġh innutat il-vojt li dejjem qiegħed jikber bejn iż-żgħażaġh u l-affarijiet pubbliċi. Biex itejjeb il-parteċipazzjoni, l-informazzjoni, attivitajiet volontarji u l-għarfien dwar kwistjonijiet taż-żgħażaġh, il-Kunsill adotta 14-il għanijiet komuni fl-2003 u l-2004 (ara l-Anness 3)¹⁷.

Fil-Komunikazzjoni tagħha f'Ottubru 2004¹⁸, il-Kummissjoni evalwat b'mod pożittiv l-attivitajiet imwettqa fuq livell Ewropew, filwaqt li saħqet fuq il-ħtieġa għal miżuri xierqa fuq livell nazzjonali biex jiġu implimentati għanijiet komuni.

L-Istati Membri waslu biex jirrappurtaw dwar l-għanijiet komuni għal parteċipazzjoni u l-informazzjoni sa' l-aħħar ta' l-2005. Rapporti dwar attivitajiet volontarji u għarfien aħjar tal-qasam taż-żgħażaġh se jkompli fl-2006. F'kull każ, il-Kummissjoni se tippreżenta rapport ta' progress lill-Kunsill.

Il-parteċipazzjoni u l-informazzjoni taż-żgħażaġh, attivitajiet volontarji u aktar ftehim u għarfien taż-żgħażaġh jibqgħu fatturi prinċipali fil-binja ta' soċjetajiet b'saħħithom. Peress li

¹⁷ ĠU C 295, tal-5.12.2003

Reżoluzzjoni tal-Kunsill 13996/04 u 13997/04 tal-15.11.2004.

¹⁸ COM(2004) 694.

l-għanijiet komuni għandhom kemm ġew adottati mill-Kunsill dan l-aħħar, l-implimentazzjoni ta' l-għanijiet mill-Istati Membri għandha kemm bdiet u għandha tkun fiċ-ċentru ta' l-attenzjoni ta' l-azzjoni ta' l-Istati Membri taħt l-OMC taż-Żgħażaġħ. Il-Kummissjoni hija ta' l-opinjoni li dawn il-prijoritajiet eżistenti għandhom jinżammu u jiġu kkonsolidati.

Dwar il-parteciġazzjoni, l-enfażi għandu jkompli jkun fuq iż-żieda fil-parteciġazzjoni fuq livell lokali, fi ħdan demokrazzi rapreżentattivi, u jipprovdu appoġġ akbar biex wieħed jitgħallem jipparteciġa. Hemm bżonn li jiġi infurzat it-titjib ta' l-aċċess għall informazzjoni, tiġi pprovduta aktar informazzjoni ta' kwalità u tiżdied il-parteciġazzjoni taż-żgħażaġh fil-preparazzjoni u tixrid ta' l-informazzjoni.

L-għan politiku għat-tisħiħ tal-volontarjat taż-żgħażaġh fl-UE bħal mezz ta' parteciġazzjoni u żvilupp personali ta' żgħażaġh jibqa' validu. Il-kontribut li jagħmlu l-voluntieri għas-soċjetà ikompli jkun enfasizzat, kif uwrew diżastri naturali riċenti, u l-bżonn ta' riabilitazzjoni fuq medda twila ta' żmien fl-oqsma affetwati.

Bħala riżultat tal-Patt u s-segwitu tiegħu fi ħdan iċ-ċiklu ta' tmexxija ta' Liżbona, aktar ftehim u għarfien ta' żgħażaġh f' oqsma mmirati, bħal ngħidu aħna, impjieg taż-żgħażaġh, l-inklużjoni taż-żgħażaġh, l-intrapriża taż-żgħażaġh, il-mobilità taż-żgħażaġh, l-għarfien tax-xogħol taż-żgħażaġh għandhom jintlaħqu permezz tal-mekkaniżmi ta' Liżbona. Użu aħjar tar-riżultati ta' riċerka f'dawn l-oqsma għandhom itejbu l-politka bbażata fuq l-evidenza.

Azzjonijiet biex isaħħu ċ-ċittadinanza attiva taż-żgħażaġh

- Il-Kummissjoni tikkonferma prijoritajiet ta' ċittadinanza attiva ta' żgħażaġh (parteciġazzjoni, informazzjoni, attivitajiet volontarji)
- Għarfien aħjar f'oqsma ta' impjieg taż-żgħażaġh, inklużjoni, intrapriża, mobilità u għarfien tax-xogħol taż-żgħażaġh, li jirriżulta mill-inklużjoni tal-Patt fiċ-ċiklu ta' tmexxija ta' Liżbona.

4. L-INKLUŻJONI TAD-DIMENSJONI ŻAGĦŻUGĦA F'OQSMA POLITIĊI OĦRAJN

Filwaqt li kwistjonijiet relatati maż-żgħażaġh huma relevanti għal maġġoranza tal-politika żviluppata fuq livell Ewropew, il-Kummissjoni tirrakomandha li tingħata attenzjoni lil oqsma politiċi tal-Patt Ewropew taż-Żgħażaġħ.

Politka oħra b'relevanza għaż-żgħażaġh tinkludi dan li ġej:

Il-Kummissjoni se tkompli wkoll fl-azzjoni kontra r-razziżmu u l-ksenofobija fuq livell taż-żgħażaġh. Il-kampanja madwar l-UE 'Għal Diversità – Kontra d-Diskriminazzjoni'¹⁹ ġiet estiża għaż-żgħażaġh mill-2005, biex tippromwovi l-involviment attiv ta' żgħażaġh u tkabbar l-għarfien dwar il-leġiżlazzjoni tal-KE u l-politika biex tiġi solvuta d-diskriminazzjoni.

¹⁹ Kampanja ta' informazzjoni li damet ħames snin madwar l-Ewropa kollha appoġġata mill-Programm ta' Azzjoni tal-Kummissjoni biex jiġġieled kontra d-diskriminazzjoni. www.stop-discrimination.info

Il-Kummissjoni se tagħti attenzjoni wkoll għas-saħħa taż-żgħażaġh, pereżempju, fl-oqsma tan-nutrizzjoni u l-obeżità, alkaħol u użu tad-droga, u strateġiji biex tippromwovi s-saħħa. Inizjattiva Ewropea dwar is-saħħa tat-tfal u taż-żgħażaġh hija maħsuba għall-2006.

Riċerka speċifika dwar iż-żgħażaġh se ssejtni skond is-Sitt Programm ta' Qafas ta' Riċerka, dwar l-attitudnijiet, stili ta' ħajja u forum ta' parteċipazzjoni adottati miż-żgħażaġh Ewropej. Skond is-Seba' Programm ta' Qafas ta' Riċerka, ir-riċerka taż-żgħażaġh tista' tiffoka fuq l-impatt tal-partiċipazzjoni taż-żgħażaġh f'demokrazija rappreżentattiva u f'attivitajiet volontarji.

Il-Kummissjoni se tnedi konsultazzjoni pubblika dwar l-azzjonijiet li tista' tiegħu l-Unjoni fl-oqsma ta' sport, dwar il-valur edukattiv u soċjali ta' l-isport u l-istil ta' ħajja taż-żgħażaġh.

Azzjonijiet li jenfasiszaw iż-żgħażaġh f'oqsma politiċi oħra

- Il-Kummissjoni se tippromwovi l-involviment taż-żgħażaġh fil-kampanja 'Għad-diversità – kontra d-diskriminazzjoni' fl-2005
- Il-Kummissjoni se tnedi inizjattiva Ewropea fl-2006 biex tippromwovi s-saħħa għaż-żgħażaġh u tfal
- Il-Kummissjoni se tnedi konsultazzjoni pubblika dwar l-isport fl-2005, bil-ħsieb li tinfurza l-valuri soċjali u edukattivi taż-żgħażaġh

5. APPOĠĠ TAL-POLITIKA PERMEZZ TAL-PROGRAMMI

Azzjonijiet tal-politika li huma mmirati lejn iż-żgħażaġh għandhom ikunu akkumpanjati bi programmi ta' proġetti ta' appoġġ li jħeġġu liż-żgħażaġh beix isiru ċittadini attivi u li jinvolvu ruħhom u huma mmirati biex jgħinuhom jżviluppaw il-kapaċitajiet tagħhom. Dawn il-proġetti għandhom jiġu żviluppjati fuq livell lokali, reġjunali, nazzjonali u Ewropej.

Numru ta' programmi Ewropej jippromwovu dawn il-proġetti (ara l-Anness 4):

- Fond Ewropew Soċjali
- Fond Ewropew ta' Żvilupp Reġjunali.
- Fond ta' Żvilupp Rurali
- Żgħażaġħ u Żgħażaġħ fl-Azzjoni
- Tagħlim Integrat matul il-ħajja
- Ċittadini għall-Ewropa
- Il-Programm ta' Qafas għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni
- Il-Programm Marie Curie
- Inizjattiva Ewropea ta' Xjenza u Edukazzjoni

6. IVOLVIMENT TAŻ-ŻGHAŻAĠH

Il-White Paper dwar iż-żgħażaġh tistipula metodi ta' kif issir il-konsultazzjoni maż-żgħażaġh, bil-għan li tappoġġa l-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh u l-organizzazzjonijiet tagħhom.

Il-Kunsill Ewropew saħaq li, biex ikun ta' suċċess, il-Patt jitlob l-involviment tal-parteċipanti kollha, l-ewwel u l-aktar importanti, l-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh kif ukoll awtoritajiet reġjunali u lokali u s-sieħba soċjali. Iż-żgħażaġh u l-organizzazzjonijiet tagħhom għandhom ikunu kkonsultati dwar l-iżvilupp ta' miżuri għal din l-inizjattiva fi ħdan il-programmi nazzjonali ta' riforma ta' Liżbona, u dwar l-implimentazzjoni ta' wara. Filwaqt li hija f' idejn kull Stat Membru biex jiddefinixxi kif se jinvolvi liż-żgħażaġh, il-kunsilli nazzjonali taż-żgħażaġh għandhom ikunu fost dawk ikkonsultati.

Il-Kummissjoni wkoll bi ħsieba torganizza konsultazzjoni taż-żgħażaġh u tal-Forum Ewropew taż-Żgħażaġħ dwar il-politika taż-żgħażaġh. Il-Konsultazzjoni tilħaq il-quċċata fl-‘Etats généraux’ taż-Żgħażaġħ, li se ssir fl-2005. Bi preparazzjoni għal dan il-Kummissjoni se torganizza konsultazzjoni vasta fuq l-Internet ta' żgħażaġh u tistieden lill-Istati membri jagħmlu dibattiti fuq livell nazzjonali. Il-Kummissjoni bi ħsieba ssegwi l-Etats généraux billi tagħmel ‘laqgħa annwali’ bejn iż-żgħażaġh u l-Kummissarji.

Dan id-djalogu dirett bejn iż-żgħażaġh mhuwiex sostituzzjoni tad-djalogu soċjali, iżda jikkomplementah. Ikun artikolat ma' konsultazzjonijiet oħrajn ta' inizjattivi tal-Kummissjoni mmirati partikolarment lejn l-iżvilupp ta' ‘pussess’ ta' l-għanijiet ta' Liżbona mis-soċjetà ċivili.

Azzjonijiet biex jiġu kkonsultati iż-żgħażaġh

- L-Istati Membri li se jikkonsultaw iż-żgħażaġh fuq miżuri dwar il-Patt sal-ħarifa 2005
- Il-Kummissjoni se torganizza konsultazzjoni bl-internet għaż-żgħażaġh fl-2005.
- Il-Kummissjoni se tagħmel l-‘Etats généraux’ taż-Żgħażaġħ fl-2005 u ssegwi b'laqgħat annwali maż-żgħażaġh

7. KONKLUŻJONIJIET

L-adozzjoni tal-Patt Ewropew għaż-Żgħażaġħ ikkomplementat l-iżvilupp ta' ċittadinanza attiva ta' żgħażaġh permezz ta' OMC fil-qasam taż-żgħażaġh, billi jitqiesu l-problemi taż-żgħażaġh fi ħdan il-politka li tappoġġa s-sħubija ta' Liżbona għat-tkabbir u x-xogħlijiet. Għall-ewwel darba, l-Unjoni Ewropea tista' timpjega strateġija ta' politika tassew integrata għaż-żgħażaġh. Sabiex din l-istrateġija politika tiġi implimentata:

- Fuq livell nazzjonali, l-Istati Membri, f'konsultazzjoni maż-żgħażaġh, għandhom jiżviluppaw miżuri għall-Patt fi ħdan il-programmi nazzjonali ta' riforma ta' Liżbona.
- Fuq livell Ewropew, il-Kummissjoni f'konformità mal-Programm Komunitarju ta' Liżbona, se tieħu azzjoni fl-oqsma speċifikati f' din il-Komunikazzjoni.

- Il-Kummissjoni tqis li l-prijoritajiet ta' l-OMC fil-qasam taż-żgħażaġh għandhom ikunu kkonfermati u kkonsolidati.
- Il-Kummissjoni se tkompli tinkludi dimensjoni taż-żgħażaġh f'politika rilevanti oħra.
- Il-Kummissjoni tisħaq fuq l-importanza tal-programmi li jiffaċilitaw taġlim, mobilità, intrapriża u ċittadinanza matul il-ħajja kollha taż-żgħażaġh, fi ħdan il-qafas tal-prespettivi finanzjarji.
- Il-konsultazzjoni u l-involviment taż-żgħażaġh u l-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh huma essenzjali biex jiġu implimentati l-miżuri kollha ppreżentati f' din il-Komunikazzjoni.

Il-Kummissjoni titlob lill-Kunsill biex jaċċetta dawn il-konklużjonijiet. Se titrażmetti din il-Komunikazzjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Komitat Ekonomiku u Soċjali u lill-Komitat tar-Reġjuni.

ANNESI

Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill

dwar politika Ewropea dwar iż-żgħażaġh

Li tindirizza l-problemi taż-żgħażaġh fl-Ewropa - l-implimentazzjoni tal-Patt Ewropew taż-Żgħażaġħ u t-tmexxija 'l quddiem ta' ċittadinanza attiva

Anness 1

Il-Patt Ewropew għaż-Żgħażaġħ

Anness 2

Ġabriet mill-proposta tal-Kummissjoni għal linji ta' gwida integrati 2005-2008 li jirriflettu l-azzjonijiet tal-Kunsill Ewropew għall-Patt Ewropew għaż-Żgħażaġħ

Anness 3

Għanijiet komuni fil-qafas tal-metodu miftuħ tal-koordinazzjoni fil-qasam taż-żgħażaġh.

Anness 4

Programmi komunitarji rilevanti għal politka taż-żgħażaġh

Il-Patt Ewropew għaż-Żgħażaġħ

(Anness 1 tal-Konklużjonijiet tal-Preżidenza tal-Kunsill Ewropew, Brussell, tat-22 u t-23.3.2005 (7619/05))

Fl-isfond tal-popolazzjoni dejjem tikber fl-età ta' l-Ewropa, il-Kunsill Ewropew jara l-hteġa li ż-żgħażaġh Ewropej jibbenefikaw minn ġabra ta' strateġiji politiċi u miżuri li jiffurmaw parti sħiħa integrata mill-Istrateġija ta' Liżbona. Il-Patt taż-Żgħażaġħ għandu l-għan li jtejjeb l-edukazzjoni, t-taħriġ u l-mobilità, integrazzjoni vokazzjonali u l-inklużjoni soċjali taż-żgħażaġh Ewropej, filwaqt li jiffaċilita r-rikonċiljazzjoni tal-ħajja tax-xogħol u tal-ħajja tal-familja. Il-Patt għandu jiżgura l-konsistenza totali ta' l-inizjattivi f' dawn l-oqsma u jipprovdi l-bidu għal mobilizzazzjoni dejjem għaddejja f'isem iż-żgħażaġh. Bl-istess mod, is-suċċess ta' din l-inizjattiva jiddependi mill-involviment tal-partijiet kollha kkonċernati, u l-ewwel u l-aktar importanti, l-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh nazzjonali, reġunali u lokali kif ukoll il-Forum taż-Żgħażaġħ, u awtoritajiet reġunali u lokali u s-sieħba soċjali.

Il-Kunsill Ewropew jitlob lill-Unjoni u l-Istati Membri, kollha fil-limit tas-setgħa tagħhom u b'mod partikolari skond l-istrateġija Ewropea ta' impjieg u skond l-istrateġija ta' inklużjoni soċjali, biex timxi fuq dawn il-linji ta' azzjoni li ġejjin:

Impjieg, integrazzjoni u avvanz soċjali

- strateġija ta' politika li timmonitorja speċifikament l-integrazzjoni sostenuta ta' żgħażaġh fis-suq tax-xogħol, fil-kuntest ta' programm reċiproku ta' taħlim dwra l-impjieg;
- tipprova żżid l-impjieg taż-żgħażaġh;
- tingħata prijorità skond l-inklużjoni nazzjonali soċjali biex tittejjeb is-sitwazzjoni ta' bosta miż-żgħażaġh l-aktar vulnderabbli, partikolarment dawk fqar, u tingħata wkoll prijorità lil inizjattivi biex jimpedixxu falliment fl-edukazzjoni.
- tistieden lil min iħaddem u n-negozjanti biex juru responsabilità soċjali fil-qasam ta' l-integrazzjoni vokazzjonali taż-żgħażaġh;
- tħeġġeġ żgħażaġh biex jiżviluppaw l-intrapriża u jmexxu 'l quddiem l-intraprendituri żgħażaġh ġodda.

Edukazzjoni, taħriġ u mobilità

- tiżgura li l-għarfien jaqbel mal-bżonnijiet ta' ekonomija li hija bbażata fuq it-tagħrif u għalhekk, tħeġġeġ l-iżvilupp ta' ġabra komui ta' ħilet; f'dan il-kuntest, tikkonċentra primarjament fuq il-problema ta' tfal li jitolqu mis-sistema ta' l-iskola;
- tespandi l-firxa għall-istudenti biex jagħmlu perjodu ta' studju fi Stat Membru ieħor;
- tħeġġeġ il-mobilità ta' żgħażaġh billi tneħħi l-ostakli lil min jagħmel it-taħriġ, lill-voluntiera u lill-ħaddiema u lill-familji tagħhom; għar-riċerkaturi, jżidu l-inizjattivi taħt il-programm Marie Curie;

- L-iżvilupp, bejn l-Istati Membri, ta' kooperazzjoni aktar mill-qrib dwar it-trasparenza, komparabilità u kwalifiki ta' ħidma u għarfien ta' edukazzjoni mhux formali u informali.

Rikonċiljazzjoni bejn il-ħajja tal-familja u l-ħajja tax-xogħol.

- tippromwovi r-rikonċiljazzjoni tal-ħajja tax-xogħol u l-ħajja tal-familja billi taqsam ir-responsabilità bejn is-sħab, partikolarment billi tespandi n-netwerk ta' *childcare* u tiżviluppa forom innovattivi ta' l-organizzazzjoni tax-xogħol;
- jiġu kkunsidrati strateġiji ta' politika li huma favur it-tfal, fid-dawl tad-diskussjonijiet tal-Green Paper tal-Kummissjoni dwar il-bidliet demografiċi.

Ġabriet mill-proposta tal-Kummissjoni għal linji ta' gwida integrati 2005-2008 li jirriflettu l-l-azzjonijiet tal-Kunsill Ewropew għall-Patt Ewropew għaż-Żgħażaġħ

(Mill-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Linji ta' Gwida Integrati għat-Tkabbir u x-Xogħlijiet(2005-2008), COM(2005) 141, 12.4.2005)

Riformi Mikroekonomiċi

Linja ta' Gwida - titmexxa 'l quddiem aktar kultura ta' intrapriża u jinħoloq ambjent ta' appoġġ għal SMEs

- Stati Membri għandhom jinfurzew edukazzjoni u taħriġ ta' intrapriża

Linja ta' Gwida – Żieda u titjib fl-investment fl-R&D

- L-Istati Membri għandhom jiżviluppaw aktar it-taħlit ta' miżuri biex irawmu negozju R&D fost l-oħrajn billi jiġi żgurat forniment ta' riċerkaturi kkwalifikati billi jiġbdu aktar studenti fid-dixxiplini ta' xjenza, teknika u inġinerija u jitijieb l-iżvilupp tal-karriera u l-mobilità transnazzjonali u intersettorali tar-riċerkaturi

Linja ta' Gwida ta' Impjieg

1 Jiġbdu u jżommu aktar nies fl-impjieg u jimmodernizzaw is-sistemi tal-ħarsien soċjali

Linja ta' Gwida – Titmexxa 'l quddiem strateġija ta' xogħol li tqis iċ-ċiklu kollu tal-ħajja

- tipprova mill-ġdid tibni trejġiet ta' impjieg għaż-żgħażaġh
- Jitnaqqas il-qgħad taż-żgħażaġh
- Jiġi eliminat il-vojt fl-impjieg, il-qgħad u l-ħlas
- rikonċiljazzjoni aħjar bejn il-ħajja tal-familja u l-ħajja tax-xogħol.
- Forniment ta' faċilitajiet ta' *childcare*

Linji ta' Gwida - jiġu żgurati swieq ta' xogħol inklużiv għal min qiegħed ifittex xogħol u għan nies żvantaġġati

- Identifikazzjoni tal-bżonnijiet minn kmieni
- Għajjuna fit-tfittxija tax-xogħol, gwida u taħriġ bħala parti mill-azzjonijiet personalizzati
- Ikunu pprovduti s-servizzi soċjali meħtieġa biex jappoġjaw l-inklużjoni tan-nies żvantaġġati fis-suq tax-xogħol

Linja ta' Gwida - titjib tal-bżonnijiet tas-swieq tax-xogħol permezz ta'

- Modernizzazzjoni u tisħiħ ta' istituzzjonijiet tas-suq tax-xogħol, partikolarment ta' servizzi ta' impjieg
- trasparenza akbar ta' opportunitajiet ta' impjieg u taħriġ fuq livell nazzjonali u Ewropew biex tiġi ffaċilitata l-mobilità fl-Ewropa

2. titjib ta' l-adattabilità tal-ħaddiema u l-intrapriżi u l-flessibilità tas-swieq tax-xogħol

Linji ta' Gwida – Tiġi żgurata paga li hija favur l-impjieg u żviluppi ta' l-ispejjeż tax-xogħol

- Tiġi analizzata l-istruttura u l-livell ta' l-ispejjeż tax-xogħol li mhux fuq salarju u l-impatt tagħhom fuq l-impjieg, speċjalment għal dawk li huma anqas imħallsa u dawk li se jidħlu għall-ewwel darba fis-suq tax-xogħol

3. Żieda ta' l-investment fil-kapital uman permezz ta' edukazzjoni u ħiliet aħjar

Linja ta' Gwida - Espansjoni u titjib ta' l-investment tal-kapital uman

- jitnaqqas b'mod sinjifikanti n-numru ta' żagħżagħ li jħallu l-iskola kmieni
- jitwassa' l-aċċess għal edukazzjoni vokazzjonali, sekondarja u dik għolja, inklużi l-apprentistati u t-taħriġ fl-intrapriża;

Linja ta' Gwida - adozzjoni ta' sistemi ta' edukazzjoni u ta' taħriġ b'risposta għal talbiet ta' kompetenza ġodda.

- Identifikazzjoni aħjar ta' bżonnijiet ta' xogħol u kompetenzi prinċipali, u anitiċipazzjoni tal-ħtiġijiet tal-ħiliet fil-ġejjieni
- Jitwassa' l-forniment ta' l-għodda għal edukazzjoni u taħriġ
- jżviluppaw oqsfa li jappoġġaw it-trasparenza tal-kwalifiki, l-għarfien effettiv tagħhom u li jivvalidaw it-tagħlim mhux formali u informali
- Jiġu żgurati standards ta' sistemi ta' edukazzjoni li huma ta' kwalità għolja, miftuħa u jġgħdu lin-nies.

14-il GĦAN GĦAL IMPENN TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ

(Reżoluzzjonijiet mill-Kunsill tal-25.11.2003 u tal-15.11.2004)

Parteċipazzjoni²⁰

Tiġi żviluppata l-parteċipazzjoni miż-żgħażaġh, bl-introduzzjoni u l-appoġġ ta' azzjoni li tinkuraġġihom jħaddmu ċ-ċittadinanza tagħhom b'mod attiv u billi ttejjeb il-parteċipazzjoni effettiva tagħhom fil-ħajja demokratika:

1. Iżżid il-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh fil-ħajja ċivili tal-komunità tagħhom
2. Iżżid il-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh fis-sistema tad-demokrazija rappreżentattiva
3. Appoġġ akbar għal diversi forom ta' taġlim biex ikun hemm parteċipazzjoni

Tagħrif²¹

Tiġi żviluppata informazzjoni għaż-żgħażaġh, billi jittejjeb l-aċċess ta' l-informazzjoni għaż-żgħażaġh sabiex tiżdied il-parteċipazzjoni tagħhom fil-ħajja pubblika u tħaffef ir-realizzazzjoni tal-potenzjal tagħhom bħala ċittadini attivi u responsabbli:

4. jittejjeb l-aċċess għas-servizzi ta' informazzjoni għaż-żgħażaġh
5. jiżdied il-forniment tal-kwalità ta' informazzjoni
6. tiżdied il-parteċipazzjoni miż-żgħażaġh fl-informazzjoni dwar iż-żgħażaġh, pereżempju, fil-preparazzjoni ta' tixrid ta' l-informazzjoni

Attivitajiet volontrari taż-żgħażaġh²²

Bil-ħsieb li ntejbu ċ-ċittadinanza attiva u s-solidarjetà taż-żgħażaġh, attivitajiet volontarji għandhom ikun żviluppati, iffaċilitati, immexxija 'l quddiem u mgħarrfa fuq kull livell:

7. Iħeġġu l-iżvilupp ta' attivitajiet volontarji għaż-żgħażaġh bil-għan li jkabbru l-għarfien tal-possibilitajiet eżistenti, ikabbru l-firxa tagħhom u jtejbu l-kwalità
8. Jagħmluha aktar faċli għaż-żgħażaġh biex iwettqu attivitajiet volontarji billi jneħħu l-ostakli eżistenti
9. Jippromwovu attivitajiet volontarji bil-ħsieb li jinfurzaw is-solidarjetà taż-żgħażaġh u l-impenn tagħhom bħala ċittadini responsabbli

²⁰ Reżoluzzjoni tal-Kunsill tal-25.11.2003 dwar l-għanijiet komuni għal parteċipazzjoni minn u informazzjoni għaż-żgħażaġh (ĠU C 295, tal-5.12.2003).

²¹ Ditto.

²² Reżoluzzjoni tal-Kunsill tal-15.11.2003 dwar l-għanijiet komuni għal attivitajiet volontarji għaż-żgħażaġh (13996/04 JEUN 89).

10. Jiġu mgħarrfa attivitajiet volontarji taż-żgħażaġħ bil-ħsieb li jagħrfu l-valur tal-ħliet personali tagħhom li akkwistaw u l-impenn tagħhom għas-soċjetà u r-rwol li l-attivitajiet volontarji lagħbu fejn jidħol l-iffaċilitar tat-tranżizzjoni mill-edukazzjoni għax-xoġhol u l-ħajja adulta

Aktar fehim u għarfien taż-żgħażaġħ²³

Huwa importanti li jiġi mħeġġeġ żvilupp ta' qasam koerenti, rilevanti u kwalitattiv fil-qasam taż-żgħażaġħ fl-Ewropa u li jiġu antiċipati l-bżonnijiet tal-ġejjieni permezz ta' skambju ta' djalogu u netwerks, biex b'hekk issir politika li hija f' waqtha, effiċjenti u sostenibbli:

11. Jiġi identifikat – inkluż fuq livell lokali u reġjunali – għarfien eżistenti f'oqsma ta' prijorità taż-żgħażaġħ partikolarment, parteċipazzjoni, informazzjoni u attivitajiet volontarji u miżuri li jiġu implimentati biex jissupplimentaw, jaġġornaw u jiffaċilitaw l-aċċess għal għarfien.
12. Fit-tieni stadju jiġi identifikat – inkluż fuq livell lokali u reġjunali – għarfien eżistenti f'oqsma ta' prijorità taż-żgħażaġħ bħal awtonomija, taġħlim mhux formali, il-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni, edukazzjoni u taħriġ, impjeg, intrapriża, kreattività, tranżizzjoni mill-edukazzjoni għal impjeg, inklużjoni soċjali u saħħa, u jiġu implimentati miżuri biex jissupplimentaw, jaġġornaw u jiffaċilitaw l-aċċess għal għarfien.
13. Tiġi żgurata l-kwalità, il-komparabilità u r-rilevanza ta' l-għarfien fil-qasam taż-żgħażaġħ billi jintużaw metodi u għodda xierqa
14. Jiġi ffaċilitat u mmexxij 'l quddiem l-iskambju, id-djalogu u n-netwerks biex tiżgura l-viżibilità ta' l-għarfien fil-qasam taż-żgħażaġħ u jiġu antiċipati bżonnijiet fil-ġejjieni.

²³ Reżoluzzjoni tal-Kunsill tal-15.11.2003 dwar l-għanijiet komuni għal attivitajiet volontarji għaż-żagħżagħ (13997/04 JEUN 90).

PROGRAMMI KOMUNITARJI RELEVANTI GĦAL POLITKA TAŻ-ŻĠHAŻAĠH

- Il-Fond Ewropej Soċjali jappoġġa proġetti li jimmiraw għaż-żgħażaġh, fl-oqsma ta' impjiegi, taħriġ u inklużjoni soċjali.
- Il-programmi komunitarji ffinanzjati mill-Fond Ewropew ta' l-Iżvilupp Reġjunali jkopri l-oqsma ta' żvilupp li fihom proġetti intiżi għaż-żgħażaġh jistgħu jkunu appoġġati pereżempju mill-edukazzjoni u taħriġ, riċerka ta' l-università, entrepreneurship, saħħa, kultura u ġenerazzjoni mill-ġdid urbana.
- Skond ir-Regolament Rurali ta' l-Iżvilupp (KE) Nru 1257/1999 bdiewa żgħażaġh jistgħu jibbenefikaw minn diversi miżuri: appoġġ sakemm jibdew in-negozju tagħhom, żieda fir-rati ta' l-għajjuna għal aktar inestimenti fil-farms agrikulturali tagħhom u l-kisba tal-ħiliet meħtieġa u t-tagħlim permezz ta' miżura ta' taħriġ. Dawn l-għodda huma wkoll inklużi fil-proposta għal regolament tal-Kunsill dwar l-iżvilupp rurali għal perjodu ta' programmar li jmiss (COM (2004) 490 finali).
- Iż-Żgħażaġħ u l-programm propost taż-Żgħażaġħ fl-Azzjoni se jikkontribwixxi għal Patt, b'mod partikolari dwar il-mobilità, tagħlim mhux formali u intrapriża taż-żgħażaġh, u liċ-ċittadinanza attiva taż-żgħażaġh.
- Il-Programm Integrat ta' tagħlim matul il-ħajja kollha poġġa għanijiet ambizzjużi ġodda għal paretċipazzjoni fil-programmi Ewropej ta' edukazzjoni u taħriġ (Comenius, Erasmus, Leonardo da Vinci), u għalhekk huwa strument prinċipali fl-implimentazzjoni tal-Patt.
- Il-programm iċ-Ċittadini fl-Ewropa se jagħti liċ-ċittadini, inkluż żgħażaġh, l-opportunità li jitħalltu u jesperjenzaw diversità tal-kultura, jieħdu identità Ewropea u jitjeb il-fethim reċiproku.
- Il-Programm ta' Qafas għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni se jmexxi 'l quddiem l-intrapriża.
- Il-Programm Marie Curie u l-politika integrata reali biex l-Ewropa tiġbed aktar riċerkaturi biex jappoġġaw l-inizjattivi għat-taħriġ, mobilità u żvilupp ta' karriera tar-riċerkaturi, inkluż fil-bidu tal-karriera tagħhom, u jħeġġeġ l-interess fost iż-żgħażaġh fix-xjenza u t-teknoloġija kif ukoll karriera fir-riċerka.
- L-Inizjattiva Ewropea ta' l-Edukazzjoni Xjentifika tfittex li tistimula l-interess taż-żgħażaġh fix-xjenza fuq livell primarju u sekondarju billi tgħin lill-għalliema jaċċessaw u jużaw l-aqwa Prattika, demonstrazzjonijiet tax-xjenza u oġġetti ta' tagħlim.

- Il-Kummissjoni tappoġġa l-attivitajiet immirati speċifikament għal inklużjoni ta' gruppi żvantaġġati – inklużi nies b'xi diżabilità, gruppi etniċi differenti, żgħażaġħ nisa, u żgħażaġħ minn reġjuni żvantaġġati, 'il barra jew 'il bogħod - fil-proċess li jwassal għal karriera fiż-xjenza.
- Din l-Istrateġija Sostenibbli ta' Żvilupp riveduta se tagħti attenzjoni lil edukazzjoni għall-iżvilupp sostenibbli.